



Brussell, 25 ta' Jannar 2023
(OR. en, es)

5373/23
ADD 1 REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0325(NLE)

PECHE 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed - Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA dwar ir-Regolament tal-Mediterran

"Spanja tixtieq tiddikjara li hemm żewġ dispożizzjonijiet fir-regolament, relatati mal-limitu massimu ta' qbid għall-gambli blu u ħomor u mal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, li r-Renju ta' Spanja fetaħ kawża kontrihom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li s-sentenza dwarhom għadha pendenti."

DIKJARAZZJONI DWAR IL-VOT NEGATTIV TA' SPANJA FIR-RIGWARD TAR-REGOLAMENT DWAR L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-2023 FIL-BAĦAR MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED

"Spanja jiddispjaċiha li, għat-tieni sena konsekuttiva, ser ikollha tivvota kontra l-proposta ta' kompromess finali tal-Presidenza fir-rigward tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-11 u t-12 ta' Diċembru.

Għalkemm napprezzaw li sar titjib fuq il-proposta preċedenti, dan it-titjib ma kienx biżżejjed biex Spanja tkun tista' tivvota favur, minkejja l-isforzi li saru u l-proposti li tressqu minn Spanja li fl-aħħar mill-aħħar ma ġewx aċċettati.

Huwa ċar li l-Kummissjoni Ewropea u r-Renju ta' Spanja għandhom żewġ approċċi differenti għall-implimentazzjoni tal-pjan pluriennali għar-riżorsi tal-ħut tal-qiegħ fil-punent tal-Baħar Mediterran u għall-ilħuq tal-oġġettiv ta' dak il-pjan li jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli għad-diversi stokkijiet tal-ħut.

Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tqis li għad hemm bżonn li jkompli jitnaqqas l-għadd ta'jiem tas-sajd għall-irkaptu rmunkat fil-Baħar Mediterran, Spanja, abbażi tar-rapporti xjentifiċi disponibbli kemm mill-STEFC kif ukoll minn korpi xjentifiċi oħra, għadha tal-fehma li minn perspettiva soċjoekonomika, żieda fis-selettività tal-irkaptu rmunkat hija l-aktar mod xieraq u bbilanċjat biex isir aktar progress fit-titjib tal-istatus bijoloġiku tad-diversi stokkijiet, li diġà qed jagħtu ħjiel ġenerali pożittiv ta' rkupru u ta' tnaqqis fil-mortalità mis-sajd. Fil-fatt, jeżistu xenarji ta' tbassir tal-STEFC li jindikaw li għall-istokkijiet tal-gamblu aħmar fl-ilmijiet Spanjoli, li kieku din il-miżura ta' selettività tiġi applikata għal nofs il-flotta, bl-ebda tnaqqis ulterjuri fil-jiem tas-sajd fl-2023, il-mira għar-rendiment massimu sostenibbli tintlaħaq fl-2025.

Madankollu, fil-fehma ta' Spanja, il-proposta ta' kompromess finali ma toffrix biżżejjed inċentiv lill-operaturi fis-settur tas-sajd biex itejbu s-selettività tal-irkaptu rmunkat, billi dawn jeħtieġu dan l-inċentiv biex, fuq terminu qasir u medju, ikampaw mat-telf ta' introjtu kkawżat mill-implimentazzjoni ta' din il-miżura minħabba t-tnaqqis fil-piż tal-qabda. Skont il-proposta ta' kompromess finali, is-settur tas-sajd kieku għal darb'oħra jara tnaqqis fil-jiem tas-sajd tiegħu fl-2023 – tnaqqis medju ta' kważi tliet xhur netti fl-attività tas-sajd għal kull bastiment minn meta l-pjan ġie implimentat għall-ewwel darba fl-2020, li jfisser li s-sena d-dieħla l-bastimenti tas-sajd Spanjoli jqattgħu aktar jiem irmiġġati fil-portijiet milli jistadu. Dan qed jipperikola b'mod serju l-vijabbiltà soċjali u ekonomika ta' dawn il-bastimenti u tan-negozji tas-sajd tagħhom, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma negozji tal-familja, kif ukoll is-sostenibbiltà tal-portijiet, is-swieq u l-komunitajiet kostali tal-Mediterran Spanjol li jiddependu minn din l-attività.

Minkejja dan, Spanja ser tkompli taħdem mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati mill-pjan pluriennali u mill-ilħuq tal-oġettivi tiegħu."
